MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru. 223/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann Fenech)**

**Versus**

**Simon Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Simon Camilleri ta' 33 sena, iben Emanuel u Rose nee Borg, imwieled tal-Pieta' fit-28 ta' Awwissu 1966 u joqghod 34 St Francis Street Bormla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 453166 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejejr fil-25 ta' Lulju 2000 u f'din l-aħħar sena qabel din id-data, fil-Floriana u partijiet oħra ta' dawn il-Gżejjer:

(a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Il-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija.

3. Rat l-atti kollha tal-każ inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid numru 4531 tal-1966, l-istqarrijiet tal-imputat a fol 4, 5, 6 u 7, il-fedina penali tal-imputat (fol 8 et), l-ordni tal-Avukat

Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2000, il-ħatriet ta' Mario Mifsud u ta' PC 956 Andrew Caruana (fol 13), il-ħatra tas-sur Joseph Bongailas bħala espert tal-impronti diġitali u dik ta' PS 673 Joseph Mallia (fol 56), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol 46, ir-relazzjoni ta' PS 673 Joseph Mallia (fol 78), u d-dikjarazzjonijiet li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ittella' x-xhieda tal-istqarrijiet magħmula mill-imputat (fol 56) u li ma kellhomx għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda diġa' mismugħa mill-Qorti diversament preseduta (fol 101).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**6. Il-Prosekuzzjoni** sostniet li fil-25 ta' Lulju 2000 il-Pulizija kienu marru biex josservaw karozza fl-area tal-Belt. Waslet il-karozza mistennija li malli rat lill-Pulizija saqet fid-direzzjoni opposta bis-saħħa. Niżlet lejn il-Florian u x-xufier rema xi ħaġa minn ġol-karozza. Il-Pulizija elevaw l-oġġett mormi. Il-Pulizija kienu għarfu lix-xufier bħala l-imputat. L-oġġett kien pakkett tas-sigaretti li fih kien hemm sustanza suspettata eroina. Il-vettura kienet Fiat u l-Pulizija kienu nfurmaw lill-Prosekutur min kienet il-persuna billi ċemplulu fuq il-mobile. (fol 35). Sakemm waqfu jiġbru l-oġġett l-imputat kien ħarbilhom.

7. Mix-xhieda **ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia** jirriżulta li l-Pulizija kienu raw lill-imputat u li hu għarfu fl-Awla. Huma kienu ppruvaw jagħlquh mar-roundabout iżda hu kien saqilhom. Huwa ġibed lejn il-Furjana u fejn it-traffic lights il-Pulizija osservawh jarmi xi ħaġa. Il-pakkett tas-sigaretti ħareġ minn ġo tieqa tal-karozza RUT 035 Punto sewda. Kienu erba' min-nies fil-karozza u ma leħqux lill-imputat. Fil-pakkett kien hemm żewġ boroż bi trab kannella. Il-pakkett kien instab fis-central strip ta' Triq Sant'Anna il-Furjana. Il-Pulizija kien raw il-pakkett nieżel jintrema minn ġo l-karozza. ***Dan ix-xhud ra l-pakkett nieżel.*** (fol 40).

8. Il-Pulizija li kien hemm ħdejh rah ukoll għaliex x'ħin niżlu marru dritt għall-pakkett. Quddiemhom ma kienx hemm karozzi meta ntrema l-pakkett.

9. Waqt li ntrema kienu ndunaw li l-pakkett kien abjad u fis-central strip fejn intrema l-pakkett, dan il-pakkett biss kien hemm. (fol 42). ***X'ħin niżlu mill-karozza kien hemm dan il-pakkett biss.***

10. Mix-xhieda ta' **PC 706 Norman Cremona** jirriżulta li erba' pulizija pparkjaw ħdejn Kastilja u tfaċċat il-Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni RUT 035. Malli s-sewwieq ta' din il-vettura nduna bil-Pulizija, saq b'veloċita' qawwija lejn il-Furjana. Kif waslu Triq Sant'Anna rawh jarmi xi ħaġa fil-karozza fis-central strip. Ġabra l-oġġett li kien pakkett tas-sigaretti Royals u fih kien hemm sustanza aktarx droga.

11. Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kienu niżlu mill-karozza u baqgħu ifittxu fejn is-sewwieq kien rema l-oġġett. Il-ħin kien xi s-sitta u nofs jew is-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija. Ma kienx hemm xi nurmu kbir ta' karozzi għaddejjin. Is-sewwieq kien raġel. (fol.22 u 23). Ix-xhud personalment ra l-oġġett ħiereġ mit-tieqa u fejn instab ma kienx hemm xi ħmieġ partikolari għax il-post kien imnaddaf. (Fol 24). Il-pakkett kien ġdid u mhux mgħaffeġ. Huwa qal ukoll li waslu għall-identita' tas-sewwieq min-numru tal-vettura. (fol 26). A fol 27 insibu din is-silta ta'hawn taħt:

*'Pros: Inti lejn ix-xufier ittawwalt?*

*Xhud: Ix-xufier ħarist lejh bħal speċi.*

*Pros: Jiġifieri jekk terġa' tarah tagħrfu?*

*Xhud: Iva nagħrfu lill-imputat.*

*Qorti: Ix-xhud qed jindika lill-imputat.*

*Pros; Int x'rajtu jarmi?*

*Xhud: Pakkett Royals.*

*Pros: X'ħin inżiltu biex tfittxu dan il-pakkett tas-sigaretti Royals, fejn kontu qegħdin tfittxu kien hemm pakketti tas-sigaretti oħra?*

*Xhud. Ma jidhirlix li kien hemm. In-nies li konna ma konniex ħdejn xulxin kollha, kulħadd mifrud kien. Min ifittex naħa u min ifittex oħra.*

*Pros. Jiġifieri int rajtu lill-imputat ġol-karozza jarmi dan il-pakkett partikolari?*

*Xhud: Iva.'*

12. A fol 30 ix-xhud baqa' jinsisti li kien qed jagħraf lill-imputat. Huwa qal:

*'Jien kont rajtu dak in-nhar.'*

U

*'Jiena qed ngħidlek li qed nagħrfu.'*

13. Mill-istqarrija tal-imputat a fol 4, jirriżulta li huwa jpejjep sigaretti Rothmans iżda meta kien arrestat (fil-15 t'Awwissu 2000) huwa kellu Royals fuqu. Oħtu Ruth kellha Fiat Punto sewda(fol.50). Huwa ma ftakarx jekk fil-25 ta' Lulju 2000 kienx mar lejn il-Belt. Huwa qal li dak in-nhar ma ra lil ħadd u li ma kienx jieħu droga. (fol 5).

14. Fit-tieni stqaqrrija huwa qal li ġieli kien saq dik il-karozza iżda ma kienx jaf x'għamel fil-25 ta' Lulju. Meta ntwera l-pakkett huwa la qatt rah u lanqas qatt ma kien missu.

**Analiżi forensika**

15. Skond l-analiżi forensika (fol 49), **magħmula mill-espert is-sur Mario Mifsud**, kienu nstabu fil-pakkett tar-Royals żewġ boroż żgħar b'dawn l-ammonti ta'eroina: 0.875 u 1.752 grammi. It-total kien ta' 2.627 grammi.

16. Mill-impronti diġitali (ta' fuq il-pakkett) ma kien hemm ebda riżultat għaliex il-karatteristiċi tagħhom ma kinux ċari biżżejjed. (fol 180).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. Id-difiża għamlet żewġ sottomissjonijiet ewlenin. Dawn kienu

(a) Jekk id-dock identification kenitx biżżejjed biex tneħħi kull dubju li kien l-imputat u mhux ħadd ieħor li kien qed isuq il-Fiat punto RUT-035.

(b) Jekk jirrizulta hekk, hemmx provi biżżejjed ta' pussess aggravat.

**Dwar l-ewwel sottomissjoni**

18. Il-Qorti kkonsidrat li

(i) Fil-25 ta' Lulju fis-sitt u nofs ta' filgħaxija jkun dawl biżżejjed għax tkun għadha ma niżlitx ix-xemx;.

(ii)Mix-xhieda jirriżulta wkoll li ma kienx hemm ħafna karozzi u għalhekk il-viżwali tal-Pulizija ma kellhiex xkiel;.

(iii)Li oħt l-imputat għandha Fiat Punto sewda li għandha n-numri RUT 035;

(iv) Li l-imputat ġieli saq din il-karozza għalkemm ma ftakarx saqheix fil-25 ta' Lulju.u dan qalu ta' lanqas tliet darbiet;

(v) Li meta xehed PC 10 Trevor Cassar Mallia qal li kien ra lill-imputat ħdejn Kastilja u li kien qed jagħraf lill-imputat;.

(vi) Li ra lill-imputat jarmi l-pakkett fis-central strip ta' Triq Sant'Anna;

(vii) Li l-istess xhud kien qed isuq u għalhekk kien f'pożizzjoni li jara kollox u ra l-pakkett nieżel u għaraf dan il-pakkett meta uriethulu l-Qorti fl-Awla;

(viii) Li mix-xhieda mogħtija fit-28 ta' Novembru, 2000 (jiġifieri 4 xhur wara) PC 706 baqa' jinsisti li kien qed jagħraf lill-imputat. Fuq kollox, fil-post minn fejn inġabar il-pakkett tar-Royals, ma kienx hemm pakketti tas-sigaretti oħrajn;

(ix) Meta kien arrestat l-imputat f'idejh kellu pakkett Royals għalkemm hu kien talab Rothmans.

19. Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-Pulizija tassew kienu segwew lill-imputat u lil ħadd aktar. Ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia – li kien qed isuq – hija waħda normalissima, mogħtija fi żmien relattivament qasir wara li seħħ l-inċident, u ma tħalli ebda dubju li dan ix-xhud ra lill-imputat realment u mhux lil xi ħadd ieħor. Din il-konklużjoni hija msaħħa minn dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija fejn ammetta li oħtu kellha Fiat Punto sewda bl-istess nurmu u li ġielei kiensaqha. L-imputat xejn ma deher skomdu meta kien mistqosi dwar x'seħħ fil-25 ta' Lulju. Kien skarx fi kliemu u għamel sembjanza li ma setax jiftakar minkejja li kellha dettalji dwar il-post li seta' kien żar.

20. Il-Pulizija kienu wkoll ċerti li kien raġel li qed isuq u mhux mara.

21. Il-Qorti ssib li l-verżjoni mogħtija minn PC 10 Trevor Cassar Mallia hija ta' min joqgħod fuqha. Din hija msaħħa min dak li xehed PC 706 Norman Cremona kif ukoll mid-dettalji li ħarġu minn fomm l-imputat dwar il-Fiat Punto u li meta kien arrestat kellu pakkett Royals f'idejh – l-istess brand ta' pakkett misjub mill-Pulizija.

22. Din ma kenitx identifikazzjoni b'deduzzjoni iżda identifikazzjoni li ssir fil-maġġoranza tal-każi u m'hemm xejn li jqanqal xi dubju f'moħħ din il-Qorti li seta' kien qed isuq ħadd ieħor fil-jum in kwistjoni.

## Dwar it-tieni sottomissjoni

23. Il-Qorti qed torbot is-sejbien tal-pakkett Royals bid-droga eroina mal-imputat. Hemm ix-xhieda ċarissima kemm ta' PC 706 Norman Cremona kif ukoll ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia. Ix-xhieda tal-Proekuzzjoni raw il-pakkett jintrema, innutaw fejn remieh l-imputat, u fejn fittxew ma kienx hemm xi ħmieġ għax il-post kien għadu jitnaddaf u lanqas pakketti tas-sigaretti oħra. Iż-żewġ kumbinazzjonijiet – imsemmija aktar 'il fuq, jiġifieri li oħt l-imputat (li jisimha Rut) kellha Fiat Punto sewda bin-numri RUT 035 kif ukoll li l-imputat instab b'pakketti tas-sigaretti Royals – japplikaw għal din il-konsiderazzjoni wkoll.

24. Fl-aħħarnett il-Qorti qed tikkonsidra wkoll jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-pussess aggravat.

25. L-imputat fl-istqarrija qal li hu ma kienx juża droga. Għalhekk wieħed jistaqsi: Allura x'kien qed jagħmel b'żewġ pakketti tal-eroina f'idejh?

26. Wieħed jista' jissottometti wkoll li 2.627 grammi ta' eroina mhumiex ħafna. Dan l-argument ma tantx isib forċina fil-każistika tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

27. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li qed tinjora r-referenzi għal telefonati anonimi li kienet ser issir deal minħabba li skond l-artikolu 598 tal-Kap 12, applikabbli għal Kap 9, din it-tip ta' xhieda hija 'hearsay' u l-Qorti jkollha tiskartaha għax mhix ammissibbli bħala prova.

28. Wara li qieset dawn il-punti kollha, il-Qorti qed tiddeċiedi li waqt li hemm suspett kbir li din id-droga kienet intenzjonata għat-tqassim, il-Prosekuzzjoni xorta ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni 'l hemm minn kull dubju u għalhekk qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

29. Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis li, minkejja li l-ammont jidher 'żgħir', dan l-ammont ta' droga huwa xorta wieħed ikwetanti.

## Konklużjoni

30. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u t-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tilliberah mit-tieni imputazzjoni u, wara li rat il-fedina penali tal-imputat, qed tikkundannah iħallas multa ta' €650. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbdel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

31. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, l-imputat huwa kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-espert Mario Mifsud biss li jammontaw għal Lm26.75 (€62.59) fi żmien xahar mil-lum.

32. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------